**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 t' April, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Noel Apap**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Noel Apap detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 526972M akkuzat talli fit-8 ta' Lulju, 2017, ghall habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (12.45hrs), gewwa l-Hamrun;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mariella Apap

u dan skond ma iccertifika Dr. Luke Portelli MD (Reg. No. 5767) mic-Centru tas-Sahha, Floriana

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddidmhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew, hekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni
3. U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Mariella Apap biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 ta' Lulju, 2018(esebita a fol. 75 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218[1] u 222 (1)(a)[2]tal-Kodici Kriminali,tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339 (1)(e)tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251B(1)tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1]Kif kienu qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att XIII ta' l-2018

[2]Kif kienu qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att XIII ta' l-2017

- Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C[3] tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' bejn zewg konjugi separati fit-8 ta' Lulju, 2017 ghall-habta ta' 12:45pm meta l-imputat mar fid-dar ta' omm martu Mariella Apap il-Hamrun fejn kienet qed tghix Mariella Apap ma' uliedha u wara li kkonfrontaha ghaliex ma kinitx qed tirrispondi t-telefonati tieghu huwa taha daqqa ta' ras u hija sofriet griehi f' wiccha li gew klassifikati bhala ta' natura gravi minn Dr Luke Portelli (vide certifikat mediku a fol 34 tal-atti processwali). Mariella Apap irrapurtat lil Pulizija li zewgha kien habbat il-bieba tar-residenza t' ommha u meta fetahlu t-tifel huwa dahal fil-kcina fejn kienet hi u wara li qalilha l-kliem "naghmillek jien" u "ghax ma sibtekx barra" gera lejha u taha daqqa ta' ras fejn in-naha t' ghajnejha l-leminija u kkagunalha griehi. L-imputat min-naha l-ohra fl-istqarrija minnu rilaxxjata u nserita a fol 10

[3] Kif kienu qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att XIII ta' l-2016

et seq tal-atti processwali jsostni li huwa mar id-dar ta' martu ghaliex din ma kinitx qed tirrispondi l-calls u l-messaggi li kien qed jibghatilha jistaqsi ghar-rizultati tal-benchmarks ta' binhom, u meta huwa dahal id-dar bic-cavetta li kien ghad kellu huwa laqat lil martu b' accident meta habtu ras ma' ras malli huwa ngibed sabiex igib xi ittri mill-post fejn martu kienet thalli l-posta. L-imputat sostna li anki hu wegga' u jghid li telaq il-barra malli martu keccietu mid-dar t' ommha.

Ikkunsidrat:

Illi mic-certifikat mediku nserit a fol 34 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr Luke Portelli waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018 jirrizulta li Mariella Apap kellha qsim ta' gilda ta' 2cm fuq l-eyebrow il-leminija u kellha bzonn tliet punti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018 Mariella Apap qalet li ma ridietx tixhed fil-konfronti ta' zewgha ghaliex kienet qed tahfirlu ghal dak li gara.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert mediku Dr Mario Scerri (inserit a fol 65 et seq) u mix-xhieda tal-istess Dr Scerri jirrizulta li:

1. Illi Mariella Apap allegat mal-esponent illi f' Lulju tal-2017 kellha argument ma' Noel Apap li allegatament taha daqqa ta' ras fuq mohha;
2. Illi c-cikkatrici deskritta fuq is-supraorbital ridge tal-lemin kienet rizultat ta' blunt trauma u din ic-cikkatrici tidher izda mhux konspikjuwa from within talking distance.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza il-parti civili Mariella Apap ghazlet li ma tixhidx f' dawn il-proceduri ghaliex zewgha u hi rrangaw l-affarijiet u ghall-gid tat-tfal tixtieq tahfer lill-imputat.

Illi ghalhekk ghalkemm l-akkuzi li ghandha quddiemha din il-Qorti fil-proceduri odjerni jistghu jitmexxew ex ufficio minghajr il-kwerela tal-parti civili u ghalkemm mill-provi rrizulta li bhala stat ta' fatt fit-8 ta' Lulju, 2017 Mariella Apap kellha griehi ta' natura gravi f' wiccha, l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif u min ikkaguna tali griehi. L-imputat isostni li l-griehi sofferti minn Mariella Apap saru b' accident meta huma habtu ras ma' ras meta mar sabiex igib xi ittri minn kontenitur mal-hajt. Mariella Apap ma xehditx sabiex tispjega kif gew kagunati l-griehi li rriskontraw Dr Luke Portelli u l-espert Dr Mario

Scerri u x-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni qalu dak li rrakuntatilhom Apap dwar id-dinamika tal-incident.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tistax tqies li tirrizulta r-rejita' ghall-ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat stante li lanqas in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ma ngabet il-prova tal-course of conduct jew il-fastidju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lil imputat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.  Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur